Ħarġa numru 5: Frar, 2013



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

F'dawn l-aħħar ġimgħat kont qed naqra l-ktieb maħruġ minn Karmenu Vassallo stess *Għażiż Karmenu...* (Publikazzjoni Gulf, 1982) li fih ġabar daqs 450 ittra li ntbagħtu lilu bejn l-1929 u l-1981. Huwa ktieb mill-isbaħ fejn wieħed jitpaxxa fuq kollox jara din il-korrispondenza li nkitbet lil wieħed mill-poeti ewlenin tal-letteratura Maltija tas-seklu 20, il-parti l-kbira minn kittieba u poeti bħalu. Lili laqtuni aspetti bħalma huma s-sinċerità, il-ħbiberija, ir-rispett, il-ġenerożità, li bosta minn dawn il-kittieba wrew lejn il-Poeta. Ma ddejqu xejn jgħidu dak li ħasbu, kemm dak li kien pożittiv kif ukoll dak li kien negattiv, u bħala bnedmin ċivilizzati u maturi xorta waħda baqgħu jikkorrispondu u jġibu lil xulxin.

Illum nistaqsi lili nnifsi fejn marret din il-kollaborazzjoni bejn il-kittieba? Hemm min jippreferi jingħalaq f'niċċa għalih jew fil-kenn taċ-ċirku tal-ħbieb tiegħu u għalaq kull ftuħ għal kittieba oħrajn. Hemm min titolbu kemm titolbu kitba minn tiegħu jew ftit tweġibiet għal ftit mistoqsijiet għal intervista jwiegħdek li se jibgħathomlok daqt u ma jaslu qatt. Hemm min ladarba dak li se jagħmel mhux se jirrendilu finanzjarjament jew mhux se jmexxih 'il quddiem mil-lat ta' ambizzjoni, il-biċċa ma tinteressahx. Hemm min verament iżomm fil-komma u minflok jagħti palata lil kulħadd bla ebda distinzjoni fil-Paġna Letterarja tiegħu – li jisgħobbija ngħid ftit fadal minnhom – jagħti preċedenza lil uħud u jwarrab darba għal dejjem lil oħrajn. Oħrajn tal-fehma li issa għolew 'il fuq wisq u allura jippreferu ma jitħalltux ma' ċerti wħud li jistgħu jbaxxuhom.

Dan qed ngħidu, iva, imma ma japplikax għal kulħadd. IL-PONT huwa prova tal-fatt li għad hawn kittieba u poeti li għadhom jemmnu fil-kollaborazzjoni, fir-rispett reċiproku, fil-fatt li l-letteratura hija wirt ta' poplu sħiħ u allura għandha tingħata palata kull meta hu possibbli. Dawn ħaqqhom prosit verament għax għadhom jemmnu fil-prinċipju tas-solidarjetà.

Fost il-ħafna ittri li ppubblika Karmenu Vassallo fil-ktieb imsemmi, naqraw b'bosta ittri ta' ħajr min-naħa ta' kittieba ħbiebu li rċevew mingħandu kopji ta' kotba li hu kien jippubblika minn żmien għal żmien. Kulħadd jaf illum li l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni huma għoljin qatigħ, aħseb u ara kemm kienu fl-antik! Imma xorta waħda f'dak iż-żmien il-kittieba kienu jew jixtru kopja tal-kotba li kienu jippubblikaw ħbiebhom l-awturi u poeti jew inkellha meta jirċievu kopja bħala rigal mingħand xi kittieb ħabib kienu jirreċiprokaw malli tinqala' l-okkażjoni u huma stess jippubblikaw kotba ġodda. Nistaqsi kemm minna għadna nagħmlu dan?

# L-AĦBARIJIET

## LAQGĦAT TA' QARI TAL-POEŻIJA FIL-BELT

Nhar is-Sibt 5 ta' Jannar 2013, fl-10 a.m., l-Għaqda Poeti Maltin bdiet inizzjattiva ġdida fil-Cafè Rocher, li jinsab taħt il-loġoġ fuq ix-xellug hekk kif tidħol minn Bieb il-Belt. Kull nhar l-ewwel Sibt tax-xahar dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-poeżija huma mistiedna jattendu biex jaqraw il-versi tagħhom f'ilsna differenti u anki jisimgħu poeżiji moqrija minn ħaddieħor. Dan kollu f'atmosfera informali u waqt li dak li jkun jieħu kapuċċino jew jitrejjaq. L-ideatur wara din l-inizzjattiva hu Dr. Carmel Mallia, membru onorarju tal-istess Għ.P.M.



**Waqt il-qari tal-poeżiji fil-Cafè Rocher**

## JITNIEDA PROGRAMM TA' KITBA KREATTIVA

Aġenzija Żgħażagħ bħala parti mill-*Youth Empowerment Programme* bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tal-Malti—Università u tal-Fondazzjoni AWL nediet programm ta' kitba kreattiva bl-isem ta' 'Taħżiż'. Dan il-programm hu intenzjonat għal dawk iż-żgħażagħ bejn it-18 u l-25 sena li jiktbu u li jixtiequ jaraw ix-xogħol tagħhom ippubblikat. Il-programm jikkonsisti fi tliet seminars residenzjali intensivi fuq il-kitba kreattiva. Fl-aħħar tal-programm ikun hemm pubblikazzjoni kollettiva tax-xogħol li jkun sar matul is-seminars. Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas u fl-aħħar jingħata ċertifikat t'attendenza. Ir-reġistrazzjonijiet għalqu fil-25 ta' Jannar 2013.

## "INKONTRI" FIL-KULLEĠĠ DE LA SALLE

L-Erbgħa, 23 ta' Jannar 2013, l-istudenti tar-raba' sena sekondarja u xi studenti tas-sitt sena mill-Kulleġġ De La Salle kellhom l-opportunità li jsegwu spettaklu msejjaħ "Inkontri" mtella' mill-Prof. Joe Friggieri u l-mużiċist Renzo Spiteri. F'dan l-avveniment, Friggieri qara għaxar poeżiji mir-repertorju tiegħu, fosthom *L-Għajn fil-Misraħ*, *San Niklaw*, *Ħabs* u *Għodwiet*, filwaqt li Renzo rnexxielu jakkumpanja din il-lirika b'daqq versatili għall-aħħar maħruġ minn perkussjonijiet mhux daqshekk komuni. Spiteri għamel użu minn għadd ta' strumenti magħmulin apposta bl-idejn, skont il-ħtieġa tan-noti tal-mużiċist innifsu. Dawn l-istrumenti huma magħmulin mill-ħadid jew mill-injam u maħdumin bi studju xjentifiku biex il-ħoss li jagħmlu meta jivvibraw jew meta jiċċaqalqu jkun jista' jvarja. L-istudenti laqgħu l-esperiment b'mod pożittiv, l-aktar minħabba l-fatt li ssaħħru meta Renzo qagħad jispjegalhom kif inhu magħmul kull strument u x'ħoss jagħmel meta jindaqq waħdu. Din kienet inizjattiva interessanti ħafna fejn il-letteratura ma baqgħetx moqrija biss iżda permezz ta' dawn il-ħsejjes, wieħed seta' jidħol aħjar fil-poeżija u jifhimha aktar.



**Il-Prof. Joe Friggieri u Renzo Spiteri waqt "Inkontri" fil-Kulleġġ De La Salle**

# L-AĦBARIJIET

**LAQGĦA MAL-PROFESSUR JOHN PORTELLI**

Nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2013, ġewwa l-Università ta' Malta, l-Għaqda tal-Malti (Università) organizzat laqgħa mal-Prof. John Portelli li ilu jgħix fil-Kanada sa mill-1977. Illum John Portelli hu Professur tal-Filosofija, tal-Politika u t-Tmexxija tal-Edukazzjoni fid-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, tax-Xjenzi Soċjali u l-Edukazzjoni għall-Ġustizzja Soċjali. Il-laqgħa fetħet b'introduzzjoni ta' Leanne Ellul, l-U.R.P. tal-Għaqda tal-Malti (Università), u kompliet b'intervista minn Emanuel Psaila, President tal-istess Għaqda. Il-laqgħa kienet imżewqa b'għadd ta' mistoqsijiet dwar ir-rwol ta' Portelli bħala segretarju tal-Għaqda fis-snin sebgħin, u anki dwar il-professjoni tiegħu. Ġew ittrattati anki l-kitbiet tiegħu, filwaqt li Portelli stess qara xi wħud minnhom. Għal aktar tagħrif dwar is-serata wieħed jista' jżur is-siti: www.ghaqdatalmalti.webnode.com; www.facebook.com/ghaqdatalmalti; u www.youtube.com billi jfittex "Niltaqgħu ma' John Portelli".



**Il-Prof. John Portelli intervistat minn Emanuel Psaila**

**TAĦDITA DWAR IL-MALTI KIF KIEN MITKELLEM FL-ANTIK**

Nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar 2013, f'Palazzo Santa Sofia fl-Imdina, saret taħdita bl-isem ta' "Kemm kienu jitkellmu Malti differenti!". Il-kelliem ewlieni kien Olvin Vella, bis-sehem ta' Liża Frendo u l-Prof. Martin Zammit. Għalkemm ma tantx għandna dokumenti antiki bil-Malti, hemm biżżejjed biex inkunu nafu li matul żminijiet differenti tlifna seba' ħsejjes u salvajna tnejn minnhom fil-kitba, jiġifieri l-għajn u l-akka. Il-ħames konsonanti l-oħra jinsabu fil-priedki, fid-dagħa, fiċ-ċajt u fit-tagħjir. Serata bħal din ittellgħet mill-Palazzo Falson Historic House Museum.

**PROĠETT TA' KOLLABORAZZJONI BEJN L-INDUSTRIJA U L-LETTERATURA**

Kienet idea eċċellenti dik li l-Fondazzjoni Tumas Fenech għall-Edukazzjoni fil-Ġurnaliżmu f'Diċembru li għadda tniedi l-ktieb ***IL-GROSS – IL-KONTRIBUT LETTERARJU***. Fl-imgħoddi din ir-rabta bejn letteratura u industrija kienet tidher ukoll permezz tal-konkors tan-novelli li l-Farsons kienet torganizza regolarment. Nafu wkoll li hemm banek lokali li kull tant żmien jisponsorjaw xogħlijiet ta' natura letterarja. Fi żmien meta l-pubblikazzjoni tal-ktieb saret tirrikjedi bosta flus u anki fi żmien meta l-istess pubblikaturi qed isibuha diffiċli ferm biex jippubblikaw dak kollu li jixtiequ, ma tkunx idea ħażina dik li individwi jew ażjendi mill-qasam tal-industrija jisponsorjaw il-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet letterarji u jorganizzaw saħansitra konkorsi marbutin mal-qasam letterarju fuq bażi regolari. Dan iseħħ anki barra minn Malta. Għandi f'moħħi l-Premju Nazzjonali Campiello fl-Italja li ilu jiġi organizzat mill-Confindustria Veneto sa mill-1963 u li ta' kull sena jippremja lill-aħjar rumanziera fil-peniżola Taljana.

# L-INTERVISTA Maurice Mifsud Bonnici

**Maurice Mifsud Bonnici twieled Ħal Lija fl-1926. Ħadem bħala inġinier fil-qasam tal-komunikazzjonijiet sakemm laħaq l-ogħla pożizzjonijiet fil-qasam. Dejjem sab il-ħin biex jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu permezz tal-kitba ta' ġeneri u b'ilsna differenti.**

**1. Kemm ilek tikteb Maurice? Liema ġeneri letterarji ħaddimt f'dawn is-snin? Liema kien l-iktar għal qalbek u għaliex?**

Jien ili nikteb minn mindu kelli 15-il sena (fl-1941) u nippubblika mill-1980 f'Londra u fl-1987 (meta ħriġt bil-pensjoni) f'Malta. L-ewwel bdejt nikteb poeżiji bl-Ingliż, imbagħad fl-1945 bil-Malti u fl-1977 bit-Taljan. Barra minn hekk kont nikteb bosta artikli fil-ġurnali, bl-Ingliż fit-*Times of Malta* minn Jannar 1952 u bil-Malti mill-1984 u għal 9 snin kelli l-kolonna tiegħi ta' kull ġimgħa, u wara ta'kull ħmistax, fl-*Orizzont*. Jien s'issa ppubblikajt 14-il ktieb u ieħor se joħroġ ftit ġimgħat oħra. 6 minnhom poeżiji, 3 ħajku, 2 rumanzi u proża oħra 4, li fihom użajt it-tliet lingwi: Malti, Ingliż u Taljan. L-iktar pubblikazzjoni li hija għal qalbi s'issa huwa l-ktieb tal-poeżiji viżwali *Weraq Sfajjar fix-Xagħri* għax fih urejt dak li kont inħoss f'qalbi. Barra minn hekk, għaliex dan rebbaħli l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-2009.

**2. Naf li minkejja l-età veneranda tiegħek għadek tagħti l-kontribut tiegħek fil-qasam tal-Għaqdiet tal-Malti. Xi tgħid dwar dan?**

Jien ili nagħti l-kontribut tiegħi fil-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti 14-il sena, fl-aħħar 4 snin bħala Teżorier. Sa minn Ġunju li għadda bdejt nagħti l-kontribut tiegħi wkoll bħala Teżorier fil-Kumitat *Ad Interim* tal-Għaqda tal-Malti, Università. Jien ilħaqt akkwistajt ħafna esperjenza f'dan il-qasam, u nagħmel minn kollox biex inġib 'il quddiem dawn iż-żewġ entitajiet li qed jagħmlu tant ġid lill-Ilsien Malti.

**3. Bħalissa għaddej bi proġett dwar ġabra ta' poeżiji tiegħek bit-Taljan. Għidilna dwaru.**

Ftit ġimgħat oħra jiġi ppubblikat il-ktieb tiegħi ta' poeżiji bl-Ingiż u Taljan bl-isem ta' *Variegated Pansies/ Viole del Pensiero Variegate*. Din hija l-ewwel pubblikazzjoni tiegħi ta' poeżiji bit-Taljan. Dnub li ma bdejtx nikteb poeżiji bit-Taljan qabel l-1977, tant it-Taljan jappresta ruħu għall-kitba tal-poeżija. Fih daħħalt 132 poeżiji, 81 ħajku u 60 limerikk. Fost il-poeżiji bit-Taljan hemm tnejn li bihom irbaħt l-ewwel premju f'żewġ konkorsi internazzjonali tal-Accademia Internazionale "Padre Pio" di Scienze, Lettere ed Arti u li għalihom ġejt dikjarat Membru Akkademiku bil-Mertu ta' din l-Akkademja. Ġejt ukoll mogħti l-Midalja tal-Fidda tal-President tar-Repubblika Taljana. Għal dal-ktieb tiegħi għamilli Introduzzjoni sabiħa ħafna l-Professor Oliver Friggieri.



# REAZZJONIJIET

***L-Editorjal ta' IL-PONT ta' Jannar 2013 iddiskuta fost l-oħrajn il-mod ta' kif qed jaħdem il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Din ir-rivista elettronika qed tilħaq dejjem iktar nies u ma jistax jonqos li jibdew deħlin anki reazzjonijiet ta' natura differenti. Dan huwa fih innifsu pożittiv. IL-PONT jista' jkun wkoll pjattaforma ta' diskussjoni u reazzjoni. Għalhekk f'dawn iż-żewġ paġni għażilt li nġib tnejn mir-reazzjonijiet li daħlu immedjatament. Aktar minn dawn żgur li jidhru fil-ħarġiet li jmiss. Inħalli lill-qarrejja jaqraw u jixtarru. (L-Editur)***

**MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

15 ta' Jannar 2013

Għażiż Sur Sammut,

Nirreferi għall-Editorjal tal-Ħarġa Numru 4 ta' 'Il-Pont', li jirreferi għal Premju Nazzjonali tal-Ktieb li jiġi organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb flimkien mal-Uffiċju tal-Prim Ministru.

Filwaqt li nirringrazjawk tal-interess f'dan il-Konkors, ninnutaw li inti spekulajt li "f'ċerti taqsimiet qed jiġu ppremjati dejjem l-istess awturi f'rabta mal-istess djar tal-pubblikazzjoni."

Għalkemm inti ma semmejtx għal liema kategorija qed tirreferi, nixtieq ngħarrfek li f'kull kategorija jiġi magħżul kumitat ta' ġurija differenti, li jinbidel minn sena għall-oħra u mhuwiex minnu li jirbħu dejjem l-istess awturi, għalkemm jekk awturi ħaqqhom, u l-ġurija taqbel li għandhom jingħataw il-premju, ma hemm xejn xi jżommhom milli jagħżlu awturi rebbieħa li jkunu rebħu qabel.

Kumment bħal dan hu negattiv, speċjalment jekk hu intenzjonat li jirrifletti fuq l-integrità u l-kwalità tal-ġurija li dejjem hi magħżula minn fost l-esperti fil-qasam tagħhom.

L-editorjal ikompli b'għadd ta' punti ta' informazzoni skoretta. Il-membri tal-ġurija ma jkollhomx aktar minn 20 ktieb f'kategorija u mhux madwar 40, u dawn jingħataw 3 xhur biex jagħmlu rapport fuq kull ktieb skont għadd ta' kriterji f'kull kategorija. Il-parteċipanti għandhom ukoll iċ-ċans li jaraw ir-rapport tal-ġuriji rispettivi rigward ix-xogħol tagħhom. Għalhekk bl-ebda mod, kittieb ma jitwarrab *a priori* minħabba li mhux magħruf, kif issemma fir-rivista li tagħha int l-editur.

Napprezzaw li qabel ma jsiru artikli bħal dan, tintalab l-informazzjoni korretta u fattwali lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan ikun aħjar milli jinbena artiklu spekulattiv, sempliċement fuq għajdut li jista' biss joħloq nuqqas ta' qbil bla bżonn bejn dawk kollha li verament iħobbu l-ktieb.

Joyce Grech
Direttur Eżekuttiv
Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

**MINGĦAND CARMEL SCICLUNA**

Meta kont inħtart wieħed mill-ġurati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-2005 fuq it-taqsima tal-poeżija kellna ferm inqas minn erbgħin ktieb x'naqraw u ż-żmien li tawna biex naqrawhom kien altru minn biżżejjed.

Espert letterarju m'għandux bżonn jaqra ktieb minn qoxra sa qoxra biex jinduna jekk l-awtur huwiex validu jew le.

Mhux ħaġa kbira li jiġu ppremjati l-istess awturi sena wara l-oħra. Jekk awtur validu u stabbilt li jaħdem ma' Dar tal-Pubblikazzjoni magħrufa jippreżenta għall-Premju Nazzjonali xogħol letterarju ta' stoffa sena wara sena, jien

# REAZZJONIJIET kont...

nistenna li, sena wara sena, jikkompeti u jirbaħ lil min jippreżenta kotba ta' inqas sugu letterarju għall-kompetizzjoni. Il-letteratura hi tajba jew ħażina; irrelevanti mill-għomor. Hitomi Kanehara bdiet tirbaħ il-premjijiet letterarji prestiġjużi sa minn mindu kellha dsatax-il sena għax għarfet trodd vuċi lill-ansjetajiet tal-ġenerazzjoni tagħha.

Jekk il-ġurati magħżulin se jippermettu li ''jagħtu ċans lill-kittieb iż-żgħir'' jew fi kliem ieħor irebbħu lil min għadu ħalib ommu fi snienu fejn tidħol letteratura bil-għan li l-Premju ma jibqax jeħduh l-istess erba' wċuh, il-livell mixtieq se jmur il-baħar, il-Premju ma jibqax jittieħed bis-serjetà u niġu Ċikku briku.

Mistoqsijiet pertinenti relatati oħra huma dawn: poeta li baqa' student tal-imgħoddi imma hu mkisser fit-teknika għandu jirbaħ lill-poeta li jikteb poeżija moderna li qed timla lakuna fil-letteratura lokali imma mhijiex b'saħħitha teknikament?

Hu minnu li meta ġurat jiġi bejn ħaltejn li jagħżel bejn żewġ poeti ta' stoffa jispiċċa jaqa' għall-għażla suġġettiva?

X'se nagħmlu fuq il-fatt li f'Malta mhijiex popolari wisq il-letteratura u l-kritika tal-konfront u ma tantx tgħinek wisq biex tirbaħ premju mogħti mill-establixment?

Għaliex il-partit li ilu fil-gvern 25 sena ftit li xejn sab awturi Maltin kritiċi ħorox fil-konfront tiegħu? Ħa nibqgħu sejrin f'din il-lanja jekk jinbidel il-gvern?

Mhijiex ħaġa mistennija li Dar tal-Pubblikazzjoni b'saħħitha (f'Malta hawn tnejn jew tlieta) jkollha magna tar-reklamar b'saħħitha? Billi d-Dar tal-Pubblikazzjoni ma tagħmilx użu minn dil-magna se jfisser addiritura li ''il-kittieb iż-żgħir'' se jieħu r-ruħ?

Hu minnu li taħdem għal rasek (jien naf x'jiġifieri) ifisser kemxa flus mill-but għall-pubblikazzjoni biss, talanqas elf ewro ma jmissu ma' mkien ... imma x'se jirkeb fuq is-sodisfazzjon kbir li wasalt fejn wasalt bil-ħila tiegħek biss u mingħajr ċensura u indħil ta' ħadd?

U l-aħħar mistoqsija: għaliex il-fissazzjonijiet fuq il-premju? Mhux it-tfal normalment jieħdu gost bil-premjijiet? Għaliex awtur, għandu kemm għandu żmien, iħoss il-ħtieġa li xidarba jew oħra jrid jirbaħ dal-premju? Għaliex awtur jew poeta għandu jagħti kas daqstant min jieħu u ma jiħux il-premju letterarju nazzjonali? Jien għandi erbgħa u erbgħin sena u għadni nikteb l-istejjer, il-poeżiji u r-rumanzi bl-istess pjaċir, ferħ u entużjażmu li kont nikteb bihom meta bdejt inħażżeż ta' tlettax-il sena, u għalija dan hu aktar minn biżżejjed.

**Carmel Scicluna**
**Ħal Qormi**




**NOTA TAL-EDITUR:** Filwaqt li nirringrazzja lil kull min diġà bagħat materjal biex jidher fuq IL-PONT, nerġa' nfakkar li kull min jixtieq jikteb lill-Editur jew jibgħat materjal relevanti - li m'għandux ikun twil ħafna—jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# IL-POEŻIJI

**ĦSIBIJIET LEJN TMIEM IL-JUM**

***n.23***

Hawnhekk jien kont darb'oħra.

Meta? Ma' min? Ma niftakarx.
Naf biss li f'dan il-post
jien kont darb'oħra.

Għalxejn mort lura snin is-snin
kexxun memorji flejt
bl-għarbiel moħħi għaddejt.

Imma żgur li f'dan il-post
f'nofs dan il-baħħ – ġo ġuf
l-eternità jien kont
diġà.

**VICTOR FENECH**

**DIN ĦAJJA...**

Din ħajja
mimlija assurdità
għalxejn għalxejn
tipprova tifhima
sakemm iddum eternità...

**NOEL FABRI**

**IL-KITTIEBA**

Rasi kerrejja nisa ġellieda
li wieqfa wara għajnejja
jgħaddu sigħat jgħassu
purċissjoni ta' karattri biżarri
kull ħarsa jiflu
kull kelma jiżnu
u kull mossa jgħarblu

Nifishom tajfun fil-fond ta' qalbi
Riħ li kull ħsieb itajjar
kull xewqa jdardar
u kull idea jħawwad

Leħenhom burraxka tal-ħarifa
kull kelma, nota ta' kitarra skurdata
imma jien magħluqa f'kamra siekta
ma' kull ittra, subgħajja ħfief ħfief
iħottu dil-kerrejja ġellieda

**LOU DROFENIK**
***L-Awstralja***

**THE SPARROWS ARE FIGHTING AGGRESSIVELY**

The sparrows are fighting aggressively
Looking for crumbs of bread...
That ceaseless vital thread
Is whirling nightly and daily!
I hear this eternal song
Of always in a hurry life
Full of struggle and strife.
My pugnacious crazy throng,
Why are you always wrong,
Looking for a treacherous knife,
Suspicious, imprudent, is rife
With rumours...Tell me, how long
This craziness will prolong?
Where is that wise shepherd
Who will put in order this herd,
Who will ring the mystical gong!

**DR. ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Stati Uniti***

**ĦAJKU**

Niftaħ ir-radju
hemm dibattitu jaħraq
ma rridx nism'aktar!

**MIRIAM ELLUL**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***STORJA MAQSUMA* ta' Leli, 2012.**

Dan ir-rumanz rebaħ l-ewwel premju tal-Konkors Letterarju għal Rumanzi għaż-Żgħażagħ (edizzjoni 2010-2011). Dan hu xogħol ta' 89 paġna li jittratta aspetti mill-ħajja ta' għadd ta' protagonisti adoloxxenti u żgħażagħ: l-imħabba, it-tradiment, is-sess, ir-relazzjoni mal-ġenituri, l-influwenza tal-imgħoddi fuq il-preżent, il-ħruġ fil-*pubs* u fil-każini, ir-reliġjon, id-divertiment, il-laqmijiet, ix-xogħol, is-suppervja u l-bqija. Dawn huma l-ingredjenti li żgur jogħġbu lill-qarrej żagħżugħ, kollha miġburin f'xogħol qasir miktub bil-lingwa tal-lum.




***VLEĠĠA KKARGATA* ta' Adrian Grima, KKM, 2012.**

F'dan il-ktieb insibu poeżiji umoristiċi u mexxejja bir-rima, fosthom poeżiji "bla sens," bħal dik li tara konnessjoni ġdida bejn il-gabbana tal-ġelati f'Ta' Qali u l-gżira eżotika ta' Bali. Fih ukoll għadd ta' poeżiji li jesploraw id-diqa marbuta mal-mard u l-mewt, u r-rabja li tqanqal l-inġustizzja. Naqraw dwar l-ansjetà ta' tifel li qed jilgħab il-futbol imma jħossu maħkum mill-biża' li jiżbalja, u l-kburija ta' tifla li trid issir pulizija biex taqbad il-"qżież." Il-ktieb fih ukoll sitt poeżiji ta' erba' poeti mhux Maltin tradotti jew addattati għall-Malti. Il-pubblikazzjoni hi mżewqa bi tpinġijiet tal-artista Karen Caruana.




***FTUĦ IL-QALB* - It-Tielet Ktieb, ta' San Ġorġ Preca, Pubblikazzjoni Preca, 2012.**

Dan hu ktieb ta' 128 paġna li ħareġ fl-okkażjoni tal- 50 anniversarju tal-mewt ta' San Ġorġ Preca, fundatur tal-M.U.S.E.U.M. Kif jindika l-isem, dan huwa t-tielet u l-aħħar volum fis-sensiela "Ftuħ il-Qalb". Bħaż-żewġ volumi precedenti din l-aħħar pubblikazzjoni tiġbor fiha ġabra oħra estensiva ta' talb ħiereġ mill-qalb ta' Dun Ġorġ imkebbsa bl-imħabba għal Alla. Il-ktieb jiswa mitqlu deheb għal min tinteressah l-ispiritwalità ta' dan il-qaddis u jixtieq jitlob kif kien jitlob hu. Jinsab għall-bejgħ għall-prezz ta' 5 ewro l-kopja kemm fil-Librerija Preca tal-Blata l-Bajda kif ukoll fil-ħwienet tal-kotba oħra ewlenin.